Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 191/2018: WESTERN COMPANY LIMITED (C19994) V. PAUL CHIRCOP (ID. 133880M)

(UŻURA – NULLITA' – OBLIGAZZJONI MILQUTA' BL-UŻURA)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**14 ta' Diċembru 2020**

IL-QORTI,

wara li kkunsidrat ir-rikors ta' Western Company Limited ("ir-rikorrenti" jew "il-kumpanija rikorrenti") ippreżentat fl-10 ta' Awwissu 2018,

wara li kkunsidrat ir-risposta ta' Paul Chircop ("l-intimat") ippreżentata fl-24 ta' Settembru 2018[1],

wara li rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta permezz tal-assenjazzjoni magħmula ai termini tal-Artikolu 520(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 11(9) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta b'effett mill-10 ta' Mejju 2019,

wara li rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti fil-kors tal-kawża,

wara li semgħet it-trattazzjoni orali magħmula għan-nom

- tar-rikorrenti, mill-Avukat Dr. David Camilleri
- tal-intimat, mill-Avukat Dr. Carlos Bugeja,

qed tagħti din is-

[1] Fol 11

# Sentenza

## Atti promoturi

1. Ir-rikorrenti talbet lill-Qorti tikkundanna lill-intimat iħallasha s-somma ta’ tnax-il elf, erba' mija u ħamsa u disgħin euro (€12,495) *“u dan skond kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ffirmat fil-21 ta' Mejju 2012, liema somma tinkludi l-imgħaxijiet sal-lum dovuti skond l-istess kuntratt”* flimkien mal-ispejjeż inkluż dawk tal-ittra uffiċjali (maħruġa taħt l-Art. 166A tal-Kap. 12) u l-imgħaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

2. L-intimat eċċepixxa fil-qosor is-segwenti:

    1. Il-kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu huwa null billi ġie simulat bil-għan li jaħbi interessi użurarji f’dak li ġie ppreżentat bħala “kapital”;
    2. Hemm element ta’ użura f’dak li qiegħed jiġi mitlub prevalenti kemm qabel u kif ukoll wara l-pubblikazzjoni tal-kuntratt imsemmi;
    3. L-ammont mitlub huwa eċċessiv għax ma’ jieħux in konsiderazzjoni l-ħlasijiet li ġew effettwati mill-intimat wara l-pubblikazzjoni tal-kuntratt;
    4. L-imgħax mitlub huwa maħdum ħażin;
    5. It-talba hija mill-bqija nfondata fil-fatt u fid-dritt.

## In-natura tat-talba

3. Qabel xejn ikun tajjeb li jiġi ssenjalat mill-Qorti illi din m’hijiex kawża taħt l-Artikolu 258(ċ) tal-Kap. 12 magħmula sabiex jerġa isir eżegwibbli, ossia jiġi ravvivat, it-titolu eżekuttiv imperfett in kwistjoni (imperfett għaliex jirrikjedi l-preżentata ta’ ittra uffiċjali u t-trapass ta’ jumejn min-notifika sabiex jsir eżegwibbli). Filfatt ma’ jirriżulta minn imkien illi t-titolu eżekuttiv in kwistjoni ossia l-kuntratt ta’ kostituzzjoni ta’ debitu ippubblikat fl-atti tan-Nutar Charmaine Sant fil-21 ta’ Mejju 2012 qatt ġie reż eżegwibbli.

4. Din il-kawża minflok infetħet sabiex tiġi ottjenuta dikjarazzjoni ġudizzjarja li l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti għal somma li tikkomprendi l-ammont mniżżel fil-kuntratt msemmi flimkien mal-imgħaxijiet fuqu, u l-konsegwenti kundanna tal-intimat sabiex iħallas tali somma.

## Provi

5. Fost ix-xhieda li ġew prodotti f’din il-kawża kien hemm id-direttur tal-kumpanija rikorrenti **<u>Charles Bianco</u>** li xehed *inter alia* fis-seduta tal-15 ta’ Novembru 2018 illi

l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ġie ffirmat xi sitt snin wara li r-rikorrenti kienet biegħet vettura tal-għamla Fiat Brava lill-intimat, liema vettura baqgħet ma' ġietx imħallsa. Għalhekk skond hu fl-2012 ftehmu li l-vettura tiġi mogħtija lura lir-rikorrenti sabiex din tiġi *scrapped* u l-intimat jibda jħallas il-prezz ta' €8,925 f'pagamenti mensili ta' €148.75 fix-xahar mingħajr imgħaxijiet. Mistoqsi mill-Qorti sabiex iġib dokumentazzjoni rigward pagamenti li setgħu saru mill-intimat, Bianco xehed illi huwa m'għandu xejn għaliex l-intimat ma' kien ħallas xejn. Mill-kuntest ta' din id-dikjarazzjoni jidher li hawnhekk Bianco kien qed jirreferi għal pagamenti **qabel** ma' sar il-kuntratt notarili tal-2012. Dan qed jingħad għaliex appena stqarr dan Bianco qal illi "*Ghalhekk ergajna tajnih cans ... Ahna ergajna tajnih cans sitt snin ohra biex ihallas."*[2] B'hekk jidher illi hawnhekk Bianco kien qed jirreferi għal pagamenti li kellu jagħmel l-intimat qabel ma' ġie ppubblikat il-kuntratt notarili anke jekk il-mistoqsija tal-Qorti ma' kienetx neċessarjament marbuta ma' dan il-perjodu. Bianco xehed illi l-ftehim kien illi l-intimat ma' jiġix ċċarġjat imgħax b'dan però illi jekk jaqbeż il-ħlas ta' tlett pagamenti mensili allura dawn jiġu dovuti f'salt flimkien mal-imgħax relattiv. Xehed ukoll illi l-vettura kienet inxtrat għal aktar minn €8,925 bl-imgħax kompriż u li meta fl-2012 ġie ppubblikat il-ftehim u r-rikorrenti ħadet il-vettura lura din *"irranġat biha*" **sabiex jinqatgħu l-imgħaxijiet tal-ewwel darba**. Esebixxa ukoll bħala Dok CB1 rendikont manwali li juri l-ammont skorrett tat-totali ta' €8,295 (skorrett għaliex l-ammont skond id-dejn dovut skond il-kostituzzjoni ta' debitu kien ta' €8,925) u l-imgħaxijiet sena b'sena mid-data tal-kuntratt sal-2018.

6. Fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2019 kompla jixhed l-istess **<u>Charles Bianco</u>** fejn esebixxa bħala Dok CB2 skeda tal-amortizzazzjoni tas-somma ta' Lm 3,700 (ossia' € 8,618.68) li skond hu kien l-ammont kapitali li kellu jitħallas ratealment bħala bilanċ tal-prezz tal-vettura (i.e. wara l-ħlas tad-depożitu) meta din inxtrat fl-2006 għall-prezz ta' Lm 4,300. Minn dan id-dokument jirriżulta illi dan il-bilanċ kellu jitħallas f'72 pagamenti mensili ta' Lm 58.95 kompriż l-imgħax bir-rata ta' 4.6% fis-sena u 0.05ċ bħala *"bill charge*" kull xahar. L-ammont kollu li kellu jħallas l-intimat bħala imgħax fuq il-vettura kellu jkun dak ta' Lm 541.10 u għalhekk meta tqis id-depożitu inizjali ta' Lm 600, is-somma totali li kellha titħallas għax-xiri tal-vettura mill-intimat, inkluż l-imgħax ta' 4.6% fis-sena u inkluż l-ammont ta' 5 ċenteżmi Maltin bħala "*bill charge*" kull xahar kellha tkun dik ta' **<u>Lm 4,844.70</u>** ossia' **<u>€ 11,285.11.</u>**

---

[2] Fol 20-21

Minn dan id-dokument jirriżulta ukoll illi kuntrarjament għal dak li kien xehed l-istess xhud fis-seduta preċedenti, wara li xtara l-vettura l-intimat kien beda jħallas l-pagamenti mensili ta' Lm 58.95 u filfatt laħaq ħallas l-ewwel disa' pagamenti. Kif ser jingħad iżjed 'l quddiem jirriżulta minn xhieda oħra, ikkonfermata mill-istess Charles Bianco, illi l-ammont li effettivament ħallas l-intimat kien jiżboq ferm iżjed mill-pagamenti mensili tal-ewwel disa' xhur. Ix-xhud esebixxa ukoll bħala Dok CB3 kopja tal-ftehim oriġinali li kien ġie ffirmat bejn il-partijiet (bħala xerrejja kien hemm l-intimat kif ukoll ċertu Stephanie Testa) fit-30 ta' Mejju 2006 għall-bejgħ tal-vettura. Il-prezz maqbul kien dak ta' Lm 4,300, li minnhom Lm 600 kellhom jitħallsu mal-kuntratt u l-bilanċ ta' Lm 3,700 *"f'pagamenti mensili ta' Lm 58.95 għal 72 xhur konsekuttivi*". Minn kalkolu sempliċi ta' dawn il-figuri jirriżulta illi Lm 58.95 għal 72 xhur konsekuttivi jammontaw għal Lm 4,244.40 u għalhekk jidher ċar illi fil-pagamenti mensili ġew ikkalkolati minn qabel l-imgħax ta' 4.6% fis-sena u l-5 ċenteżmi Maltin kull xahar bħala *"bill charges"*.

7. Fis-seduta tal-4 ta' Far 2019 xehed l-intimat **<u>Paul Chircop</u>** u dan *inter alia* qal illi verament huwa kien xtara l-vettura fl-2006 għal *"xi 4,000 Maltin"*[3] u li ftehmu li jħallas fix-xahar. Huwa qal illi huwa beda jagħmilhom dawn il-pagamenti u bħala prova ta' dan huwa esebixxa bħala Dok PC2 (fol 56-84) kopja ta' riċevuti tal-ħlasijiet li għamel bejn id-data ta' meta xtara l-vettura fl-2006 sa' qabel ma' ġie ppubblikat il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fil-21 ta' Mejju 2012. Il-Qorti ssib li t-total ta' dawn ir-riċevuti jammonta għal **<u>€4,033.34.</u>**

L-intimat xehed li appena saq il-karozza sab li din kienet difettuża u li meta mar lura għand Charles Bianco dan qallu li kien jaf bil-problemi u li lest li jaqsam "*nofs bin-nofs".* L-intimat jgħid li ma' aċċettax imma xorta baqa' jħallas il-pagamenti mensili. Il-vettura baqgħet ma' ntużatx u filfatt baqgħet fil-*garage* tal-intimat sakemm ġiet ritornata lura lir-rikorrenti meta ġie ffirmat il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-2012.

Xehed ukoll illi huwa kien ħallas is-somma ta' € 3,400 *cash* lil Charles Bianco u dan kien ħariġlu karta (kopja ġiet esebita mill-intimat bħala Dok PC1[4]) f'dan ir-rigward. Din il-karta hija filfatt f'forma ta' ittra datata 15 ta' Mejju 2012 intestata bil-kliem *"to*

---

[3] Fol 39
[4] Fol 55

*whom it may concern"* u li fiha hemm mniżżel illi r-rikorrenti kienet ser tbiegħ lill-intimat il-vettura in kwistjoni għall-prezz totali ta' €9,900 li minnhom ħallas id-depożitu ta' €3,400 u kien jifdal bilanċ ta' €6,500. Tinkludi ukoll dikjarazzjoni illi l-partijiet kienu qed jaqblu illi l-bejgħ kellu jiġi konkluż u l-bilanċ tal-prezz kellu jitħallas sa' erbat ijiem wara, ċioe sad-19 ta' Mejju 2012 u li fin-nuqqas id-depożitu ma' kellux jiġi rifuż lura lill-intimat. L-intimat xehed illi għalkemm Charles Bianco kien tah riċevuta għall-ħlas li għamel ta' €3,400 huwa ma' setax jsibha biex jipproduċiha fil-Qorti.

Skond l-intimat xi ftit ġranet wara li Bianco kien taħ id-dokument imsemmi huwa xtaq li jieħu l-vettura għall-*iscrappage* però ġie infurmat minn Transport Malta illi huwa kien jeħtieġ il-firma tar-rikorrenti stante illi din kienet għada mhux imħallsa. Charles Bianco għar-rikorrenti rrifjuta li jiffirma u sussegwentement talbu li jmorru flimkien għand in-Nutar sabiex jiġi ffirmat il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu (flimkien ma' ipoteka ġenerali). Dan filfatt ġie ffirmat fil-21 ta' Mejju 2012. L-intimat ma' setax jispjega għalfejn f'dan il-kuntratt l-ammont li kellu jiġi mħallas lilu tela minn €6,500 għal €8,925. Jgħid illi għalkemm in-Nutar qratlu l-kontenut tal-kuntratt huma ma' tantx fehem u ma' ndunax bid-diskrepanza fl-ammonti. Esebixxa ukoll bħala Dok PC3 sett ta' riċevuti li taħ Charles Bianco għall-pagamenti li huwa għamel **wara** li ġie ppubblikat il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu. Il-Qorti ssib li t-total ta' dawn ir-riċevuti jammonta għal **€3,150.**

L-intimat jisħaq illi l-prezz tal-karozza fil-bidu kien ta' ċirka €10,000 u li jekk tieħu in konsiderazzjoni l-ammont li huwa ħallas lir-rikorrenti u l-ammont li din qed titlob fil-kawża, jiġi li l-karozza ġiet tiswa xi €22,000.

Finalment esebixxa kopja ta' ittra legali mibgħuta mill-avukat tiegħu lir-rikorrenti fl-1 ta' Marzu 2016[5], kif ukoll numru ta' ittri li ntbagħtu lilu minn Charles Bianco:

- Dok PC4[6] li hija ittra datata 7 ta' Jannar 2015 li *inter alia* tindika li l-intimat kellu jagħti s-somma ta' "*€738.75, import ta' kambjali skaduti ta' €147.75-il waħda kif ukoll penali ta' €23.00 fix-xahar*",

[5] Fol 105
[6] Fol 101

- Dok PC5[7] li hija ittra datata 2 ta' April 2015 li *inter alia* tindika li l-intimat kellu jagħti s-somma ta' "*€1,963.85, import ta' kambjali skaduti ta' €148.75-il waħda kif ukoll penali ta' €23.00 fix-xahar*",

- Dok PC6[8] li hija ittra datata 20 ta' Lulju 2015 li *inter alia* tindika li l-intimat kellu jagħti s-somma ta' "*€2,231.25, import ta' kambjali skaduti ta' €148.75-il waħda kif ukoll penali ta' €23.00 fix-xahar*" u

- Dok PC7[9] li hija ittra datata 14 ta' Diċembru 2015 li *inter alia* tindika li l-intimat kellu jagħti s-somma ta' "*€5,355.25, import ta' kambjali skaduti ta' €148.75-il waħda kif ukoll penali ta' €23.00 fix-xahar*"

8. Fit-13 ta' Ġunju 2019 xehed in kontroeżami **Charles Bianco**. Dan ikkonferma illi l-intimat xtara vettura waħda biss mingħandu u ċioe il-vettura Fiat Brava in kwistjoni. Mitlub jikkonferma illi skond id-dokument li esebixxa huwa stess (ċioe Dok CB2 a fol 32) l-intimat kien b'kollox għamel ħlasijiet ta' Lm 537.90 fil-perjodu ta' bejn il-bejgħ tal-vettura fl-2006 u l-iffirmat tal-kuntratt notarili fl-2012, huwa ghal bidu ma' setax jikkonferma dan u qal biss illi *"Le skuzani dan mill-finance house ma nkunx ippreparajtu jien, mill-accounts ikun gie ippreparat".* Iktar tard però qal li tabilħaqq id-dokument juri li sar tali ħlas: "*Fejn hawn paid huma imhallsin mela it is obvious, dawk li huma paid huma paid, il-bilanc li ghad baqalu jaghti huwa erbat elef, mija tnejn u ghoxrin, f'dak il-kaz taghmel subtraction*. Ftit ħin wara imbagħad ix-xhud insista li dan il-ħlas ta' Lm 537.90 kien sar **fuq i**l-kostituzzjoni ta' debitu u mhux qabel.

   Mitlub jgħid kemm kienet tiswa l-vettura huwa qal hekk: *"Kienet tiswa, kien xtraha three thousand seven hundred Maltin qeghda hawnhekk vehicle value, l-interessi kienu ghax dak kienu jaghtu special rate 4.6% mhux 8%, 4.6%, bl-imghaxijiet kienet titla' four thousand two hundred forty one*". Mitlub jikkonferma r-riċevuti esebiti mill-intimat huwa kkonferma li dawn kienu nħarġu mill-kumpanija rikorrenti għall-ħlasijiet li għamel l-intimat versu l-prezz tal-vettura. Meta imbagħad ġie kkonfrontat bil-fatt illi skond ir-riċevuti l-intimat kien ħallas sew iktar minn dak li effettivament kien jidher li ħallas skond l-iskeda esebita minn Charles Bianco stess, dan wieġeb

[7] Fol 102
[8] Fol 103
[9] Fol 104

hekk: "*No no no, mela ha nghidlek Sur Magistrat, meta ghamlu l-istatement tieghu kif qed nassumi jien, dan hareg il-kont tieghu qieghed ghal tnejn u sebghin xahar li kellu jaghmel pagament mensili ta' fifty eight ninety five Maltin. Issa meta qed jaghmel fifty eight ninety five Maltin dak irid jinqaleb go euros ghax imbaghad qlibna bil-euros, jekk naghmlu seventy two months times sixty biex niehduha rougly dawk gew erbat elef u tlett mija. Jekk teqlibhom euros dawk gew diga` ghaxart elef*". Il-Qorti tara li mir-risposta jidher ċar illi x-xhud ma' kellu xejn x'iwieġeb għall-mistoqsija magħmula lilu. Fir-rigward imbagħad ta' Dok PC1 esebit mill-intimat a fol 55 tal-proċess huwa xehed hekk: "*Sur Magistrat ha nghidlek ghax dan gie ghandna biex naghmlulu karta biex imur il-bank, kien fil-15.05.2012, fejn kellu bilanc ta' sitt elef u disa' mija, u mar biex jipprova jirranga mal-bank, **<u>skuzani disat elef u disa' mija</u>*** (enfasi u sottolinear mill-Qorti)*, mar jipprova mal-bank biex johrog loan u ghamilnielu karta "to whom it may concern" li qeghda hemmhekk.* Ikkonferma ukoll illi l-vettura eventwalment ġiet irritornata lura lir-rikorrenti.

Mitlub jispjega kif wasal għall-figura ta' 'l fuq minn disat elef fl-ittra esebita a fol 55 tal-proċess huwa wieġeb li dak kien il-bilanċ li kien għad fadallu jagħti l-intimat dak iż-żmien.

9. Fl-20 ta' Jannar 2020 xehed in kontroeżami l-intimat **<u>Paul Chircop</u>**. Dan ikkonferma illi qabel ma' ffirma l-kostituzzjoni ta' debitu huwa kien mar għand l-avukat u dan kien tah il-parir li jiffirmah. Jgħid ukoll illi meta rritorna lura l-vettura lir-rikorrenti huwa ħallasha ukoll l-ispejjeż relatati mal-*iscrapping* tagħha. Ikkonferma ukoll illi prattikament bis-saħħa ta' din il-kawża r-rikorrenti kienet qed tippretendi li vettura li ma' damitx iktar minn sitt snin għand l-intimat tiġi tiswa tnejn u għoxrin elf euro.

**Riżultanzi**

10. Il-Qorti tgħid bla tlaqliq illi jekk hemm ħaġa waħda li toħroġ biċ-ċar mid-diversi dokumenti esebiti fil-kawża hija dik illi ma' hemm **xejn eżatt** fil-figuri rapportati jew indikati f'tali dokumenti anzi hemm diversi żbalji jew nuqqasijiet ovvji. Per eżempju fl-ewwel dokument li esebixxa Charles Bianco (Dok CB1 a fol 24) hemm imniżżla l-figura ta' €8,295 bħala l-ammont totali dovut mill-intimat fid-data tal-iffirmar tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-2012 meta l-figura li ġiet mniżżla fil-kuntratt hija dik ta' €8,925. Fl-istess dokument hemm imniżżel isfel nett illi f'każ ta' nuqqas ta' ħlas ta' tlett pagamenti mensili, jibdew jiddekorru l-imgħaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena, meta din il-kundizzjoni ma' ġietx mniżżla fil-kuntratt innifsu. Fit-tieni dokument li esebixxa l-istess xhud (Dok CB2 a fol 32) hemm imniżżla l-figura ta' Lm 3,700 bħala l-valur tal-vettura mentri din filfatt kienet nbiegħet għas-

somma ta' Lm 4,300 fl-2006 (minn liema ammont kien tħallas id-depożitu ta' Lm 600 dakinhar tal-ftehim). Jekk wieħed jara l-kolonna tal-*"payments"* fl-iskeda elenkata fl-istess dokument jara li għall-ewwel disa' xhur (allura minn Ġunju 2006 sa' Frar 2007) il-ħlas mensili ta' Lm 58.95 kien sar mill-intimat tant illi hemm mniżżla l-kliem "*Paid*". Minn dak il-punt 'l quddiem skond l-iskeda l-ħlasijiet apparentement ma' baqgħux isiru. Mir-riċevuti esebiti mill-intimat (Dok PC2 a fol 56-84), liema riċevuti ġew ikkonfermati ukoll minn Charles Bianco, jidher però illi l-intimat kien ħallas l-ammonti segwenti:

1. Lm 52.50 (€122.29) fl-14 ta' Ottubru 2006
2. Lm 58.95 (€137.32) fis-16 ta' Novembru 2006
3. Lm 58.95 (€137.32) fit-18 ta' Diċembru 2006
4. Lm 58.95 (€137.32) fis-16 ta' Jannar 2007
5. Lm 60 (€139.76) fis-16 ta' Marzu 2007
6. Lm 60 (€139.76) fis-16 ta' April 2007
7. Lm 60 (€139.76) fid-19 ta' Mejju 2007
8. Lm 60 (€139.76) fis-16 ta' Ġunju 2007
9. Lm 60 (€139.76) fl-20 ta' Awwissu 2007
10. Lm 60 (€139.76) fil-15 ta' Settembru 2007
11. Lm 60 (€139.76) fid-19 ta' Diċembru 2007
12. €137.32 (Lm 58.95) fis-16 ta' Jannar 2008
13. €140 (Lm 60.10) fid-5 ta' Marzu 2008
14. €140 (Lm 60.10) fl-1 ta' April 2008
15. €140 (Lm 60.10) fit-2 ta' Mejju 2008
16. €139.76 (Lm 60) fit-2 ta' Ġunju 2008
17. €140 (Lm 60.10) fl-4 ta' Awwissu 2008
18. €140 (Lm 60.10) fit-2 ta' Settembru 2008
19. €140 (Lm 60.10) fis-6 ta' Ottubru 2008
20. €823.92 (Lm 353.70) fit-23 ta' Marzu 2009
21. €140 (Lm 60.10) fit-28 ta' April 2009
22. €300 (Lm 128.79) fl-14 ta' Frar 2011
23. Lm 60 (€139.76) f'data mhix magħrufa

Dawn il-ħlasijiet, **ikkonfermati minn Charles Bianco nnifsu,** ma' jikkombaċux ma' dawk elenkati fl-iskeda li ppreżenta huwa stess li turi li l-intimat ħallas Lm 58.95 kull xahar għall-ewwel disa' xhur wara l-bejgħ tal-vettura fit-30 ta' Mejju 2006. Inoltre filwaqt li skond tali skeda l-intimat ħallas b'kollox is-somma ta' Lm 537.90

(ossia' €1,252.97) mill-bilanċ fil-verità t-total li jidher li tħallas mir-riċevuti msemmija, bejn l-2006 u l-2012, huwa dak ta' Lm 1,731.51 ossia' €4,033.34, jiġifieri **iżjed mit-triplu ta' dak indikat.**

Fir-rigward ta' 'Dok PC1 a fol 55, għalkemm Charles Bianco xehed li din kienet intiża għall-bank sabiex l-intimat jkun jista' jakkwista self, madanakollu huwa xorta waħda insista fuq il-pedana illi l-ammont li kellu jagħti l-intimat fil-15 ta' Mejju 2012 kien dak ta' €9,900 meta imbagħad għal xi raġuni, inqas minn ġimgħa wara, ċioe fil-21 ta' Mejju 2012 meta ġie ffirmat l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, dan it-total niżel għal €8,925.

11. Il-Qorti ma' tistax ma' tissenjalax illi dawn in-nuqqasijiet, żbalji jew ambigwitajiet, ma' jirriflettu xejn tajjeb fuq il-kumpanija rikorrenti u filwaqt li fl-aħjar ipoteżi jistgħu jirriflettu aġir traskurat u/jew dilettantesk għall-finijiet ta' żamma ta' *records* u anke *accounting*, fl-agħar ipoteżi jirriflettu strategemmi qarrieqa ntiżi biex jaħbu rata ta' imgħax 'l fuq minn dik permessa bil-liġi.

12. L-intimat jisħaq illi filfatt il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu huwa null għaliex ġie simulat bil-għan li jaħbi interessi użurarji f'dak li ġie ppreżentat bħala l-kapital. Mingħajr preġudizzju għal dan l-intimat jgħid ukoll illi l-figura li verament għandu jagħti hija ferm inqas minn dak mitlub għaliex mill-ammont mitlub jridu jitnaqqsu l-ħlasijiet li ġa saru mill-intimat kif ukoll l-ammont li jirrappreżenta l-imgħax li jeċċedi t-8% fis-sena. Madanakollu l-Qorti tinnota illi l-intimat fl-ebda stadju ma' ppreżenta prospett ta' dak li jippretendi li għandu jkun l-ammont li huwa dovut jħallas lir-rikorrenti f'każ li l-Qorti ma' tilqax l-ewwel eċċezzjoni tiegħu.

13. Il-Qorti kellha ta' bilfors għalhekk tagħmel il-kalkoli tagħha hija stess ibbażati fuq id-dokumenti li ġew esebiti mil-partijiet.

14. Minn dawn il-kalkoli jirriżulta s-segwenti:

    1. Il-prezz tal-vettura in kwistjoni kien dak ta' Lm 4,300 (€ 10,016.30). Minn dan l-ammont prinċipali, Lm 600 (€1,397.62) tħallsu bħala depożitu mal-iskrittura tat-30 ta' Mejju 2006. Il-bilanċ ta' Lm 3,700 (€8,618.68) flimkien mal-**imgħax bir-rata ta' 4.6%** fis-sena kellu jitħallas fuq medda ta' 72 xahar bil-pagament mensili ta' Lm 58.90 (€137.20). Il-Qorti ssib illi l-iskeda tal-amrotizzazzjoni tal-ħlas ta' dan l-ammont fuq id-dokument CB2 a fol 32 *et.*

*seq.* bħala waħda korretta fejn jirrigwarda l-imgħax li kien qed jiddekorri kull xahar. Ma' taqbilx però mal-ammonti li ġew indikati bħala li tħallsu mill-intimat fl-aħħar linja tal-istess skeda u dan in vista tar-riċevuti ġia msemmija li ġew esebiti mill-intimat u kkonfermati minn Charles Bianco. Għal kull bwon fini l-Qorti ma' taqbilx lanqas mal-imposizzjoni ta' 5 ċenteżmi Maltin (€0.12) kull xahar għal hekk imsejjħa *"bill charge"* peress illi ġiet unilateralment imposta mingħajr ma' kien hemm ftehim fuqha fil-ftehim oriġinali tal-2006.

2. Għalhekk l-ammont totali li kellu jħallas l-intimat għal vettura inkluż d-depożitu u l-imgħaxijiet fuq il-bilanċ kien dak ta' **Lm 4,841.10 (€11,276.73).**

3. Minn dan l-ammont, qabel ma' ġie ffirmat il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu fil-21 ta' Mejju 2012, l-intimat ħallas:

   - is-somma ta' Lm 600 (€1,397.62) bħala depożitu fuq l-iskrittura tat-30 ta' Mejju 2006, u
   - tul is-sitt ta' bejn ix-xiri tal-vettura u l-iffirmat tal-kuntratt notarili, s-somma ta' Lm 1,731.51 (€4,033.34)
   - għal total ta' **€5,430.96**

4. Għaldaqstant meta tiġi meqjusa r-rata ta' 4.6% bħala imgħaxijiet u l-ħlasijiet li saru, sal-21 ta' Mejju 2012 l-intimat kien fadallu jagħti lir-rikorrenti s-somma ta' **€6,426.47 (Lm 2,758.89)** li tirrappreżenta €5,895.12 (Lm 2,530.78) bħala l-prinċipal u s-somma ta' €531.35 (Lm 228.11) rappreżentanti l-imgħax bil-4.6% fis-sena li laħaq iddekora fuq il-bilanċ mhux imħallas.

5. Fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu tal-2012, l-ammont indikat bħala d-dejn kien dak ta' €8,925 liema somma hija indikata bħala li hija "mingħajr imgħax" Għalkemm jirrexindi kwanlunkwe ftehim magħmul qabel dik il-ġurnata rigward id-debitu, il-kuntratt jispeċifika b'mod ċar illi l-istess debitu huwa *"rigwardanti l-bejgħ ta' karozza tal-marka FIAT mudell Brava bin-numru ta' reġistrazzjoni IBB-846)"*. Dan id-debitu, kif ingħad iżjed 'l fuq, kien filfatt ta' €5,895.12 (bħala prinċipal) u €531.35 bħala imgħaxijiet.

6. Din il-qabża sinjifikanti bejn id-dejn proprju u d-dejn kif iddikjarat fuq il-kuntratt ma' setax jiġi spjegat minn Charles Bianco matul il-kors tal-kawża, u bir-raġun għaliex din id-differenza m'għanda l-ebda ġustifikazzjoni legali u tindika b'mod ċar li fil-21 ta' Mejju 2012, sitt snin wara l-bejgħ tal-vettura, ir-rikorrenti b'daqqa ta' pinna u b'mod unilaterali applikat rata ta' imgħax li tiżboq ferm iżjed ir-rata massima permissibbli mill-liġi ta' 8% u dan kontra dak li jiddisponi l-Art. 1139 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

'1139. Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi dwar il-garanzija u s-soċjetà, jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bħala oġġett il-ħlas ta' somma determinata, id-danni li jiġu mid-dewmien tal-esekuzzjoni tagħha jkunu jikkonsistu biss fl-imgħaxijiet fuq is-somma li jkollha tingħata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena'

**Simulazzjoni**

15. L-eċċezzjoni prinċipali mqajjma mill-intimat f'din il-kawża hija li *"l-kuntratt Ii abbażi tiegħu ġiet intavolata din il-kawża (dak tal-21 ta' Mejju tas-sena 2012) huwa wiehed null, in kwantu kien simulat bil-għan illi jaħbi interessi użurarji f'dak Ii ġie preżentat bħala 'il-kapital'"*.

16. Fid-dawl tal-mod kif ikkontradixxiet ruħha r-rikorrent tramite d-direttur tagħha Charles Bianco dwar dak stipulat fil-kuntratt kif ukoll fid-dawl tas-silenzju assolut tagħha dwar fiex kienet tikkonsisti d-differenza ta' iżjed minn tlett elef euro bejn id-dejn dikjarat u d-dejn proprju allura din il-Qorti ma tistax tasal għall-spjegazzjoni differenti minn dik li joffri l-intimat. Hija għalhekk il-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li l-intimat għandu raġun jgħid illi l-ammont dikjarat fil-kuntratt tal-2012 kien jikkonsisti f'interessi użurarji. L-intimat għalhekk talab lill-Qorti illi tiddikjara l-kuntratt innifsu null. Il-Qorti hawn ma' taqbilx.

17. F'dan ir-rigward l-Artikolu 986(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi:

'986 (2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 1852 u ta' kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' xi liġi oħra, kull obbligazzjoni għall-ħlas ta' mgħaxijiet f'iżjed minn tmienja fil-mija fis-sena hija wkoll **nulla għal dak li hu żejjed**.'

18. Fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Dolores Montebello et vs Saviour Chetcuti pro et noe**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Jannar 2017, ingħad illi:

*"L-użura pero`, ma twassalx għan-nullita` tal-iskritturi. L-artikolu 986 tal-Kodiċi Ċivili jgħid li "kull obbligazzjoni għall-ħlas ta' imgħaxijiet f'izjed minn tmienja fil-mija fis-sena hija wkoll nulla għal dak li hu zejjed". Kwindi, l-użura ma tirrendix l obbligazzjoni nulla, iżda jkun null l-obbligazzjoni ta' ħlas ta' imgħax b'rata għola mit-8%. Dan joħroġ ċar ukoll mill-Artikolu 1852 tal-Kodiċi Ċivili, li wara li jgħid li l-imgħax fuq self ma jistax jaqbeż it-8%, jiddisponi li "l-imgħax miftiehem f'iżjed minn daqshekk jiġi mnaqqas sal-limiti" ta' 8%. Obbligazzjoni li tipprospetta ħlas ta' imgħax b'użura ma hijiex obbligazzjoni msejjsa fuq kawża illeċita, għax l-obbligazzjoni ta' self, bħala causa, hija indipendenti mill-obbligazzjoni tal-ħlas tal-imgħax. F'dan il-każ, l-obbligazzjoni infisha għandha causa ġusta – self biex tinxtara proprjeta` – u l-obbligazzjoni marbuta mal-imgħax hija nulla biss għal dak li hu żejjed 'l fuq mir-rata ta' 8% fis-sena. L-iskritturi in kwistjoni ma jistgħux, għalhekk, jitqiesu bla ebda effett fil-liġi."*

19. Fis-sentenza fl-ismijiet **Joseph Mary Farrugia vs Gontran Borg noe**, deċiża fil-15 ta' Novembru 1985, il-Qorti tal-Appell (Sede Kummerċ) irriteniet illi:

    *"Il-leġislatur patriju kien dejjem ġelus li jirreprima l-usura u l-Qrati dejjem irritenew li konvenzjoni affetta b'usura hija, għal dak li jirrigwarda l-usura, nulla b'mod assolut, jiġifieri inesistenti billi illeċita għax projbita mill-liġi (ara fost oħrajn is-sentenzi riportati fil-Volum 32.I.263, 39.I.366 u 45.I.127). L-usura, hi materja „che appertiene all'ordine pubblico' tant li, anke jekk kuntratt ikun sar barra minn Malta, fejn hu ammess dak li għalina hu usura, jekk tiġi mitluba l-esekuzzjoni tal-kuntratt f'Malta, il-Qorti Maltija ma takkordax l-esekuzzjoni għall-usura (Vol.30.II.288)."*

20. Inoltre fis-sentenza fl-ismijiet **Guzeppi Axisa et vs Mark Belli et,** deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 ta' April 2007 (Ċit Nru 986/2005 JRM) intqal hekk:

    *"Illi huwa siewi li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-ħlas ta' mgħax f'kuntratt huwa obbligazzjoni fih innifsu. Fil-mutwu, jieħu s-sura ta' obbligazzjoni aċċessorja għas-self innifsu tal-ħaġa funġibbli li sejra tintuża mid-debitur. F'każ bħal dan, l-obbligu tal-ħlas tal-imgħax jista' jkun wieħed miftiehem minn qabel jew jista' jitnissel bis-saħħa tal-liġi; Illi dwar imgħaxijiet f'każijiet ta' mutwu, l-liġi trid li l-imgħax ma jaqbiżx ir-rata tat-tmienja fil-mija (8%), u kull rata miftehma ogħla minn hekk tiġi mnaqqsa sa dak l-ogħla limitu. Il-liġi ma tgħidx li l-ebda mgħax ma jkun dovut jew li l-obbligazzjoni kollha ma tkunx tiswa; Illi għal żmien twil, u minħabba kwestjonijiet ta' ordni pubbliku, tqies li jekk kemm-il darba jintwera li xi somma misselfa kienet*

*mgħobbija bi ħlas ta‟ rata ta‟ mgħax li taqbeż l-ogħla rata ffissata mil-liġi, dik l-obbligazzjoni tkun assolutament ma tiswiex. Dan jgħodd għall-obbligazzjoni marbuta mal-ħlas tal-imgħax, imma mhux ukoll għall-obbligazzjoni ewlenija tas-self innifsu, li tista‟ titħassar, bla ma jintilef l-obbligu li jintradd lura l-valur tal-ħaġa misselfa meqjus fiż-żmien ta‟ meta s-self ikun sar. Dan minħabba n-natura aċċessorja tal-obbligazzjoni tal-ħlas tal-imgħax, li ssemmiet aktar qabel. Għalhekk, meta titqanqal il-kwestjoni tal-użura, wieħed irid jgħarbel sewwa jekk dak li jiġi allegat ikunx qiegħed jipprova jwaqqa‟ l-eżistenza tal-obbligazzjoni ewlenija għal kollox, jew jekk ikunx qiegħed jattakka biss dik aċċessorji."*

21. Kif diġà ingħad iktar 'l fuq, fid-data ta' meta ġie ffirmat il-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu, l-intimat tabilħaqq kien debitur tar-rikorrenti però ma' kienx debitur tagħha fl-ammont indikat. Filfatt kien debitur tagħha fis-somma prinċipali ta' €5,895.12 u €531.35 bħala imgħaxijiet. Għalhekk ma' jistax jingħad illi l-obbligazzjoni tar-restituzzjoni tal-ammont hija minnha nnifisha nulla, imma hija nulla biss għall-ammont li huwa lleċitu.

22. Issa peress illi l-ammont li huwa llecitu huwa dak l-imgħax illi jeċċedi t-8% fis-sena **u peress illi rriżulta ċar lil din il-Qorti illi l-ftehim tal-2006 bejn il-partijiet kien illi l-imgħaxijiet fuq il-prinċipal jiddekorri fuq perjodu ta' sitt snin bir-rata ta' 4.6% fis-sena (i.e. u mhux ta' 8% fis-sena)** għaldaqstant dan ifisser li anke l-ammont li jirriżulta wara li jitnaqqas l-imgħax għal 8% fis-sena **<u>ma' jkunx dak li effettivament ġie oriġinalment miftiehem bejn il-partijiet.</u>** Huwa hawnhekk fejn tidħol ir-raba' eċċezzjoni tal-intimat, ċioe dik illi l-imgħax mitlub huwa wieħed ħażin, liema eċċezzjoni sintendi sejra tiġi milqugħa mill-Qorti.

**L-ammont dovut lir-rikorrenti**

23. Kif ġa ngħad, fil-21 ta' Mejju 2012, id-dejn prinċipali kien dak ta' €5,895.12 flimkien ma' €531.35 imgħaxijiet **u mhux dak dikjarat ta' €8,925** . Issa fir-rigward ta' dawn l-imgħaxijiet (i.e. l-imgħaxijiet li ddekorrew bejn l-2006 u l-2012), Charles Bianco xehed fil-15 ta' Novembru 2018 illi

    "*Kien xtraha aktar minn 8925 bl-imghax, imma peress li ahna irriprendjajna, hadna l-karozza lura, allavolja bhala scrap, ahna rrangajna biha biex naqtghulu l-imghaxijiet f'dak il-kaz u qtajnilu l-imghaxijiet tal-ewwel darba.*"

    Għalhekk l-intenzjoni tar-rikorrenti kienet li l-imgħax li kellu jagħti l-intimat sa' dakinhar tal-iffirmar tal-kuntratt kien ser jinħafer bir-ripreża tal-pussess tal-vettura

mill-kumpanija rikorrenti. Għalhekk il-Qorti mhijiex ser tieħu konsiderazzjoni tal-ammont ta' €531.35 fil-komputazzjoni tas-somma realment dovuta lir-rikorrenti.

24. Wara l-iffirmar tal-kuntratt notarili tal-2012 l-intimat għamel numru ta' ħlasijiet fuq perjodu ta' tlett snin u dan kif evidenzjat mir-riċevuti esebiti bħala Dok PC3 (fol 85 sa 100) li jammontaw *in toto* għal €3,150. Mil-bilanċ tas-somma prinċipali ta' €5,895.12 jrid għalhekk jitnaqqas l-ammont imsemmi ta' €3,150 għal bilanċ ta' **€2,745.12**.

25. Il-Qorti tqis però illi bl-operazzjoni tal-liġi r-rikorrenti għanda titħallas ukoll l-imgħaxijiet (bir-rata legali ta' 8% fis-sena) li ddekorrew fuq il-bilanċ tas-somma kapitali. F'dan ir-rigward l-Artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

'1141. (1) Jekk l-obbligazzjoni tkun ta' xorta kummerċjali jew jekk il-liġi tkun tiddisponi li l-imgħaxijiet għandhom jibdew igħaddu ipso jure, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar li l-obbligazzjoni kellha tiġi esegwita.

(2) F' kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b' att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.'

26. Mill-atti tal-kawża jirriżulta illi ġiet intavolata ittra uffiċjali (ai termini tal-Art. 166A tal-Kap. 12) mir-rikorrenti kontra l-intimat fit-8 ta' Frar 2018 sabiex dan iħallasha s-somma mitluba f'din il-kawża. L-ittra ġiet notifikata lilu fl-14 ta' Frar 2018. Il-Qorti kienet tkun propensa tqis din l-ittra uffiċjali bħala att ġudizzjarju li miegħu jiskatta l-obbligu tal-ħlas tal-imgħax anke jekk kif irriżulta, s-somma mitluba kienet ferm iżjed minn dik verament dovuta. **Jidher però illi l-ittra uffiċjali għalkemm tagħmel riferenza għall-istess ammont indikat fil-kawża (€12,495) tirreferi għal dan id-dejn bħala rappreżentanti "*l-import ta' kambjali li mmaturaw, flimkien mal-interessi relattivi, liema ammont huwa dovut hekk kif jirriżulta mill-kuntratt ta' bejgħ anness (Dok A)*"**. Dan id-Dok A mhuwiex esebit fl-atti iżda l-Qorti tassumi illi huwa l-kuntratt ta' bejgħ oriġinali tal-2006 li ġie esebit f'dawn l-atti. Għalhekk l-att ġudizzjarju in kwistjoni ma' kienx jikkonsisti f'sejħa għall-ħlas tal-ammont miftiehem fil-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu mertu ta' din il-kawża iżda f'sejħa għall-ħlas tal-ammont miftiehem fl-iskrittura tal-2006 u ma' jistax għaldaqstant jittieħed in konsiderazzjoni bħala l-att li miegħu bdew jiskattaw l-imgħaxijiet relattivi. L-ewwel att ġudizzjarju li għamel din is-sejħa għalhekk kien ir-rikors li bih

ir-rikorrenti fetħet din il-kawża. Dan ir-rikors ġie intavolat fl-10 ta' Awwissu 2018 u ġie notifikat lill-intimat fit-3 ta' Ottubru 2018. Ir-risposta però daħlet iktar kmieni, ċioe fl-24 ta' Settembru 2018, u għalhekk hija din il-ġurnata li effettivament jista' jingħad b'mod ċert li l-intimat kien notifikat bil-kawża u huwa minn tali ġurnata li l-imgħax għandu jibda jiddekorri.

**Deċiżjoni**

27. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi minn din il-kawża billi filwaqt li tiċħad l-ewwel u l-ħames eċċezzjoni tal-intimat, tilqa' t-tieni, it-tielet u r-raba' eċċezzjoni tiegħu, u konsegwentement tilqa' t-talba tal-kumpanija rikorrenti *in parte* u dan billi tikkundanna lill-intimat iħallasha s-somma ta' elfejn seba' mija ħamsa u erbgħin euro u tnax-il ċenteżmu (€2,745.12) bl-imgħax legali fuq dan il-bilanċ dekoribbli mill-24 ta' Settembru 2018.**

**L-ispejjeż tal-ittra uffiċjali numru 314/2018 għandha tbatihom il-kumpanija rikorrenti. L-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom jitħallsu kwantu għal parti minn ħamsa (1/5) mill-intimat, u erba' partijiet minn ħamsa (4/5) mill-kumpanija rikorrenti.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | M. Azzopardi |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |